



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

15052/22

LIMITE

POLCOM 186  
WTO 222  
AGRI 657  
UD 256  
UK 162

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0378 (NLE)

---

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil  
skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali  
dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet  
fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV  
tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit  
mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
- (2) In-negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") ġie inizjalat fl-14 ta' Settembru 2022.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE b'ħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuna/i li ser ikollha/ikollhom is-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

<sup>+</sup> Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 15054/22.